# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 11**
**Rikors maħluf numru 479/2009 JZM**

***Asfaltar Limited (C 8313)***

***v.***

**Id-Direttur tal-Kuntratti**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2013 li ċaħdet talba tas-soċjetà attriċi biex titħassar deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord tal-Appelli"] illi d-depożitu li ħallset l-attriċi biex setgħet tressaq każ quddiem dak il-bord ma jintraddx lilha. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Wara sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku, l-attriċi ressqet offerta iżda l-offerta tagħha ma ntlaqgħetx mill-konvenut Direttur tal-Kuntratti, li laqa' offerta ta' oblatur ieħor minflok. L-attriċi ressqet oġġezzjoni

quddiem il-Bord tal-Appelli iżda l-Bord tal-Appelli ma laqax l-oġġezzjoni tagħha u irrakkomanda illi d-depożitu li ħallset biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni ma jintraddx lilha.

3. Lill-attriċi dehrilha li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli biex ma jintraddx id-depożitu ma tiswiex, kemm għax fil-fehma tagħha kien hemm raġunijiet tajba biex jintraddilha d-depożitu u kemm għax id-deċiżjoni ma kinitx motivata kif kien irid ir-reg. 84(18) tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi [“A.L. 177 tal-2005”]:

> »**84.** (18) Il-Bord tal-Appelli għandu jirrakkomanda jekk għandux depożitu preżentat minn offerent skond ir-regolament 83 jitħallas lura, kollu kemm hu jew f’parti minnu, jew ma jitħallas lura xejn, filwaqt li jagħti bil-miktub raġunijiet għal dik ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord għandha tkun waħda finali u vinkolanti.«

4. Għalhekk fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi nhar id-29 ta’ Diċembru 2008, limitatament għar-rakkomandazzjoni li d-depożitu mħallas mis-soċjetà rikorrenti ma jiġix rifuż lilha, bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt;
>
> »2. tirrevoka d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi nhar id-29 ta’ Diċembru 2008 in kwantu rrakkomanda li d-depożitu ma jiġix rifuż lis-soċjetà rikorrenti;
>
> »3. tordna lill-intimat jirrifondi d-depożitu mħallas mis-soċjetà rikorrenti lill-istess soċjetà rikorrenti.«

5. Id-Direttur tal-Kuntratti ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi “d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi hija finali u d-Direttur tal-Kuntratti u l-kap tal-awtorità kontraenti huma marbutin li joqogħdu għad-deċiżjoni” (eċċezzjoni immarkata 1.(ii)).

6. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Irriżulta mill-mod kif żviluppat il-leġislazzjoni tagħna f'dan il-qasam illi l-ħlas lura tad-depożitu kien jiddependi fuq il-kwistjoni jekk l-appell kienx jintlaqa' inkella le. Kien biss wara l-2003 li bl-art. 104(18) [illum art. 84(18)] il-Bord tal-Appelli ngħata d-diskrezzjoni li jirrakkomanda inkella le rifużjoni *in toto* jew *in parte* tad-depożitu. Jidher li l-leġislatur ma riedx iħalli sitwazzjoni fejn, jekk l-appell ma jiġix milqugħ, id-depożitu jintilef bħala konsegwenza awtomatika; ried li titħalla dis-krezzjoni skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

»Qabel ma tgħid jekk kienx hemm ċirkostanzi fl-appell in kwistjoni li abbażi tagħhom l-appellant seta' raġonevolment jingħata lura d-depożitu *in toto* jew *in parte*. il-qorti sejra tqis … … … setax id-Direttur tal-Kuntratti (li huwa l-uniku kontradittur li s-soċjetà attriċi għażlet biex timposta l-azzjoni tagħha) imur kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli *stante* li dik tal-bord kienet biss "rakkomandazzjoni".

»… … …

»L-art 7. tal-A.L. 177 tal-2005[1] jispeċifika d-diskrezzjoni li għandu d-Direttur tal-Kuntratti –

> »"(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u ta' kull ordni jew direttiva li tingħata mill-Ministru -
>
> »"(a) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta jew jiċħad ir-rakkomandazzjonijiet tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għall-aċċett-azzjoni jew ir-rifjut ta' xi offerta;
>
> »"(b) meta -
>
> »"(i) id-Direttur ma jkunx jaqbel ma' xi rak-komandazzjoni tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti ; jew
>
> »"(ii) xi rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ġe-nerali tal-Kuntratti tkun tidifferixxi minn dik ippre-żentata mid-Dipartiment jew minn xi korp ieħor li għalih għandu jsir l-akkwist,
>
> »"id-Direttur jista' jirreferi l-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-Ministru:
>
> »"Iżda d-Direttur għandu dejjem jirreferi kull ħaġa li dwarha ma jkunx jaqbel mal-parti l-kbira tal-membri ta' Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għad-deċiżjoni tal-Ministru;
>
> »"(ċ) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirre-feri kull ħaġa għad-deċiżjoni tal-Ministru iżda kull deċiżjoni li tittieħed mill-Ministru taħt l-Att dwar l-Interpretazzjoni jew wara xi riferenza li ssirlu mid-Direttur u li jkollha influwenza diretta fuq l-għoti ta' xi kuntratt mid-Direttur lil xi offerent partikolari ma għandha b'ebda mod iċċaħħad il-jedd ta' xi kandidat jew offerent u ta' kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari milli jirri-korri għall-proċeduri dwar l-appelli li hemm previsti f'dawn ir-regolamenti.

[1] Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

> »"(2) Kull ħaġa li tiġi riferita għad-deċiżjoni tal-Ministru għandha tiġi hekk riferita bil-miktub u d-deċiżjoni tal-Ministru għandha bl-istess mod tiġi komunikata bil-miktub."

»It-Taqsima XIV tar-Regolamenti tal-2005 tittratta dwar il-Bord tal-Appelli, inkluża l-proċedura li trid tiġi segwita.

»Is-subinċiż (17) [tar-reg. 84] igħid hekk –

> »"Id-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Bord tal-Appelli għandhom jitniżżlu bil-miktub. Fihom għandu jkun hemm il-fatti kollha u r-raġunijiet li fuqhom il-Bord tal-Appelli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b'rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap tal-awtorità kontraenti u l-offerenti kollha involuti."

»Is-subinċiż (19) jaqra hekk –

> »"Kull offerent li jagħmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni finali li tittieħed mill-Bord tal-Appell għandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dak id-dritt ma għandux madankollu idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-kap ta' awtorità kontraenti milli jimplimenta d-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Appelli."

»Għal din il-qorti huwa evidenti li d-Direttur tal-Kuntratti huwa marbut illi jwettaq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli. M'għandux id-diskrezzjoni li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li għandu.

»Il-qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni markata 1(ii).

»Il-qorti sejra tistħarreġ jekk il-Bord tal-Appelli kellux raġunijiet tajbin biżżejjed biex jirrakkomanda fid-deċiżjoni tiegħu li d-depożitu ma jingħatax lura lis-soċjetà attriċi.

»… … …

»Fir-rigward tal-lanjanza li qiegħda tagħmel is-soċjetà attriċi fil-proċediment tal-lum, il-qorti sejra tieħu b'analoġija dak li jsir fil-qrati ordinarji skond il-liġi tal-proċedura tagħna.

»L-ispejjeż ġudizzjarji huma regolati bl-art. 223 tal-Kap 12.

»Skond il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, ir-regola hi l-ispejjeż jitħallsu mill-parti telliefa. Hemm però sitwazzjonijiet fejn ikun aktar ġust u ekwu li l-ispejjeż jiġu diviżi … … … Għalhekk il-qrati għandhom fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-art. 223 tal-Kap. 12 diskrezzjoni li jiddeċiedu dwar il-kap tal-ispejjeż skond il-każ.

»… … …

»Kif jidher mill-oġġezzjoni li saret mis-soċjeta attriċi, u kif issottometta l-avukat difensur tagħha waqt il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli, l-appell kien ibbażat fuq il-fatt li għalkemm is-soċjetà attriċi ma ressqitx il-*cash flow payment schedules* u d-*day work schedule*, billi dik l-informazzjoni setgħet tinġabar xorta waħda mid-dokumentazzjoni l-oħra li s-soċjetà attriċi ppreżentat, is-soċjetà attriċi kellha tintgħażel xorta għaliex kienet *the lowest bidder*. Dik kienet il-kwistjoni kollha.

»Il-konsiderazzjonijiet tal-bord kienu dawn –

> »"1. concludes that the appellant company did actually admit to the non-submission of requested schedules albeit they submitted that they had been included in another form;

»"2. feels that, in spite of the fact that the lack of a specific format in which the required schedules could be presented may have, *prima facie*, posed a problem as far as the participating tenderers' overall understanding of what was really required, yet this could have easily been resolved by way of a normal clarification request by the same tenderers;

»"3. feels that it is amply clear that both the contended schedules were requested, as well as mandatory and, as such, unless otherwise authorized to do so, no participating tenderer had the right or a discretionary power to hand pick what had to be submitted or not, as such right and power remain, as usual, the sole right and power of the contracting authority and, definitely not that of a participating tenderer, and this despite of the perceived importance or reasonableness that one may attribute to such a request, as well as the level of substance *vis-à-vis* format;

»"4. feels that the appellant company has, mistakenly, confused cash flow payments with tenderer's creditworthiness;

»"5. fails to agree with those architects who testified that it is easy for anyone 'in the trade' to arrive at the requested rates from other data submitted;

»"6. decides that, regardless of whether anyone 'in the trade' could, possibly, arrive at such rates following various other ancillary computation, remains unacceptable to the overall evaluation process as it is never an adjudication board's remit to take such initiative – the onus of submission of all relevant data and requested documentation which could easily be assessed without additional human intervention remains with the participating tenderer. As a matter of fact, the PCAB always desists from encouraging such initiatives in order to ensure that overall transparency, fairness and equity will continue to prevail;

»"7. feels that the distinction made by the contracting authority as regards bills of quantities *vis-à-vis* the individual rates to 'unforeseen' works not covered by the bills of quantities was justified;

»8. decides that, considering all that transpired as well as formally submitted during the hearing, the adjudication board (a) could not seek a clarification regarding the fact as to why the requested schedules were not submitted because that would have created grounds for any other participating tenderer to cry foul as soon as the latter would have been made fully aware of the apparent over zealousness of a formally appointed adjudicating body to assist any tenderer in particular to, possibly, fine tune a particular submission previously made by one or more of the participating tenderers, and (b) had not option but to disqualify the tenderer."

»Meta mbagħad issir referenza għat-*tender document* … … … jirriżulta li "*cash flow payments during the project*" kien wieħed mid-dokumenti neċessarji u li kellhom jiġu inseriti fil-pakkett numru tlieta

(3). Imbagħad fid-dok. DS 9 li huwa *Schedule of Quantities Lot 3*, hemm specifikat fin-*Notes to Volume 4* li –

> "Daywork Schedule – A daywork schedule is to be provided by tenderer in the rare event that unforeseen works not convered by the bill of quantites arise."

»Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija ma ssottomettiex l-iskeda għaliex ma kienx hemm s-sitwazzjoni li jkun hemm xogħlijiet mhux kkontemplati. Iżda dan huwa argument fjakk għaliex huwa ċar li t-*tender* kien qed jirrikjedi li jkun hemm din l-iskeda fl-eventwalità futura li, meta jkunu għaddejin ix-xogħlijiet, ikun hemm din it-tip ta' sitwazzjoni. Ma setax ikun hemm din is-sitwazzjoni qabel ma jibda x-xogħol.

»Illi għalhekk il-qorti hija tal-fehma li l-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi ta ragunijiet biżżejjed u motivati għala wasal għad-deċiżjoni finali li jiċħad l-appell.

»L-appell tas-soċjetà attriċi kien ibbażat fuq żewġ aggravji kif qalet hija stess. Għax iż-żewġ aggravji kienu miċħuda, il-konsegwenza kienet li l-bord jagħti deċiżjoni fejn jirrakkomanda li ebda parti tad-depożitu ma jigi rifuż. *Oltre* l-motivazzjonijiet li ta biex jiċħad l-appell, il-bord ma kienx tenut li jagħti aktar raġunijiet biex jgħid għaliex kien qed jiddeċiedi li ebda parti mid-depożitu ma jingħata lura; *del resto* lanqas l-art. 223 tal-Kap. 12 ma jobbliga lill-qrati ordinarji sabiex [*sc.* jagħtu] raġunijiet speċifiċi meta jiddeċiedu dwar l-ispejjeż ġudizzjarji, raġunijiet li jkunu separati mill-konsiderazzjonijiet li jimmotivaw is-sentenza. Fl-assjem taċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-qorti mhijiex qiegħda tirriskontra attenwanti li kellhom jidderieġu lill-bord biex jiddeċiedi xort'oħra dwar id-depożitu. Ladarba kien miċħud l-appell fil-mertu, kien deċiż li ma jkunx rifuż id-depożitu.

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi … … … tilqa' l-eċċezzjoni markata 1(ii), tiċħad it-talbiet attriċi.

»Tordna lis-soċjetà attriċi sabiex tħallas l-ispejjeż kollha ta` din il-kawża.«

7. Is-soċjetà attriċi appellat b'rikors tal-20 ta' Novembru 2013 li għalih id-Direttur tal-Kuntratti wieġeb fil-11 ta' Diċembru 2013.

8. L-attriċi ressqet tliet aggravji: l-ewwel aggravju jolqot l-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli torbotx lid-Direttur tal-Kuntratti jew hijiex biss "rakkomandazzjoni" li jista' jagħżel li ma joqgħodx fuqha; fit-tieni aggravju l-attriċi tgħid illi l-ewwel qorti għamlet ħażin meta għamlet analoġija mal-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-ċedura Ċivili; it-tielet aggravju jolqot il-meritu tad-kwistjoni jekk kienx

hemm raġunijiet tajba u biżżejjed għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli li ebda parti mid-depożitu ma jintradd lill-attriċi.

9. Fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti qieset il-meritu tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli li ma jilqax l-oġġezzjoni tal-attriċi, u sabet li kien hemm raġunijiet tajba u biżżejjed biex tiġi miċħuda dik l-oġġezzjoni u, bħala konsegwenza ta' hekk, biex lill-attriċi ma jintraddilhiex id-depożitu. Jidher iżda li l-ewwel qorti naqset milli tqis il-premessa ewlenija għat-talbiet tal-attriċi fir-rikors maħluf: l-attriċi ma fittxitx li timpunja d-deċiżjoni biss għax ma qablitx magħha fil-meritu, iżda wkoll għar-raġuni formali li d-deċiżjoni ma kinitx motivata b'raġunijiet speċifiċi għaliha. Dan joħroġ ċar mill-premessi għat-talbiet:

> »Illi skond l-artiklu [*recte*, regolament] 84(18) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005 kif sussegwentement emendati) il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi kellu jagħti raġunijiet bil-miktub għar-rakkomandazzjoni tiegħu li d-depożitu ma jiġix rifuż, separatament u b'mod distint mir-raġunijiet għaċ-ċaħda *o meno* tal-*objection* tas-soċjetà rikorrenti;
>
> »Illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif jidher b'mod manifest mid-deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Diċembru 2008 naqas milli jagħmel dan.«

10. Il-kwistjonijiet imqanqla b'din il-premessa kienu i. jekk kellhomx jingħataw raġunijiet speċifiċi għad-deċiżjoni dwar id-depożitu, ii. jekk fil-fatt ingħatawx dawk ir-raġunijiet, u iii. jekk in-nuqqas iwassalx għall-invalidità tad-deċiżjoni. Dawn il-kwistjonijiet ma tqisux fis-sentenza appellata.

11. Madankollu ma jidhirx illi l-attriċi qiegħda tilmenta dwar dan in-nuqqas tal-ewwel qorti għax ebda wieħed mill-aggravji ma jolqot in-nuqqas. Il-qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tqis l-aggravji mressqa mill-attriċi.

12. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli ma torbotx lid-Direttur u għalhekk l-eċċezzjoni relativa kellha tiġi miċħuda. Kompliet tfisser l-aggravju hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti ma għamlitx distinzjoni bejn deċiżjoni li l-Bord tal-Appelli jagħmel fuq il-mertu ta' oġġezzjoni/appell li jsir quddiemu u rakkomandazzjoni li l-Bord tal-Appelli jagħmel dwar ir-rifużjoni *o meno* tad-depożitu abbinat mal-appell/oġġezzjoni li tkun saret.
>
> »Anke l-leġislatur għamel distinzjoni fid-diċituira minnu adoperata. Fis-subinċiż 17 tal-art. 84 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi viġenti fiż-żmien tal-appell in kwistjoni li jittratta l-mertu ta' appell il-leġislatur jitkellem fuq deċiżjoni u jgħid b'mod espliċitu li tali deċiżjoni hija vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti. Mhux l-istess fis-subinċiż 18 li jittratta l-materja tar-rifuzjoni *o meno* tad-depożitu mħallas mill-offerent li jkun ressaq oġġezzjoni quddiem il-Bord tal-Appelli flimkien mal-oġġezzjoni tiegħu. Hawnhekk il-leġislatur għamel użu tal-kelma "rak-komandazzjoni". Il-leġislatur din id-darba ma qalx b'mod speċifiku li din ir-rakkomandazzjoni tkun vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti. Rakkomandazzjoni min-natura tagħha hija differenti u distinta minn deċiżjoni. Rakkomandazzjoni tħalli element ta' diskrezzjoni f'idejn min tingħata lilu. … … …«

13. L-attriċi qiegħda tgħid żewġ affarijiet ħżiena f'dan l-argument. L-ewwel waħda hija illi r-reg. 84(17), dwar deċiżjonijiet fuq il-meritu tal-oġġezz-joni, "jitkellem fuq deċiżjoni" u mhux fuq rakkomandazzjoni. Fil-fatt ir-reg. 84(17) jgħid illi "d-deċiżjonijiet … … … jittieħdu b'rakkomand-azzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti". It-tieni ħaġa ħażina li tgħid l-attriċi hi illi r-reg. 84(18), dwar deċiżjonijiet fuq l-ispejjeż, "ma qalx b'mod speċifiku li din ir-rakkomandazzjoni tkun vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti". Fil-fatt ir-reg. 84(18) igħid espressament illi "r-rakkomandazzjoni … … … tkun waħda finali u vinkolanti".

14. Tassew illi ma huwiex użu feliċi tal-kliem li deċiżjoni li torbot issejħilha rakkomandazzjoni; madankollu qari tad-disposizzjoni sħiħa tal-liġi u mhux ta' kelma waħda biss ma jħallix dubju illi d-Direttur tal-Kuntratti

huwa marbut bid-deċiżjoni tal-bord, ukoll jekk id-deċiżjoni tissejjaħ rakkomandazzjoni.

15. L-ewwel aggravju, li fil-fehma tal-qorti hu x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

16. Fit-tieni aggravju l-attriċi tgħid illi ma kellhiex issir analoġija mal-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »Mentri l-art. 223 tal-Kap. 12 ma jħalli frit li xejn diskrezzjoni f'idejn il-qorti li tippresjedi l-kawża, mhux l-istess is-subinċiż 18 hawn qabel ċitat. Kif qalet ben tajjeb l-ewwel onorabbli qorti fir-rassenja tagħha tad-disposizzjoni legali applikabbli … … … kienet saret bidla fir-regolamenti li kienu jirregolaw il-kuntratti pubblici. Qabel l-2003, il-posizzjoni legali kienet identika għal dak li jipprovdi l-art. 223 tal-Kap. 12 u *cioè* li jekk jintilef l-appell fil-mertu awtomatikament jintilef id-depożitu. Wara l-2003 is-sitwazzjoni nbidlet. Fi kliem l-ewwel onorabbli qorti stess "Kien f'dan l-istadju tal-iżvilupp tal-leġislazzjoni li daħlet diskrezzjoni dwar jekk id-depożitu tal-appell kellux jiġi rifuż inkella le. Fir-regolamenti preċedenti l-posizzjoni kienet li d-depożitu jingħata lura biss fl-eventwalità li s-smigħ mill-ġdid jintlaqa'.«

17. Huwa minnu illi l-kliem tar-reg. 84(18) juri illi l-leġislatur ried li jagħti lill-Bord tal-Appelli diskrezzjoni akbar dwar ir-radd tad-depożitu milli l-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lill-qorti dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. Il-fatt illi f'kull każ iridu jingħataw raġunijiet għalihom għad-deċiżjoni fuq id-depożitu, ukoll mela jekk id-deċiżjoni tkun li ma jintradd xejn minnu, juri illi l-fatt illi l-oġġezzjoni tkun miċħuda għalkollox ma jfissirx bilfors li d-depożitu għandu jintilef kollu.

18. Dan ma jfissirx iżda illi l-analoġija mal-art. 223 hija għalkollox barra minn lokha għax l-art. 223 wkoll jagħti setgħa lill-qorti li, jekk jidhrilha hekk xieraq "għal xi raġuni tajba", tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha flok ma tikkundanna lill-parti telliefa tħallas l-ispejjeż kollha.

19. F'kull każ, l-analoġija mal-art. 223 kienet biss waħda mir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha u ma kinitx xi raġuni hekk determinanti li għandha twassal biex id-deċiżjoni msejsa fuqha titħassar.

20. Dan l-aggravju wkoll għalhekk, safejn irid li s-sentenza appellata titħassar għax l-ewwel qorti għamlet analoġija mal-art. 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa miċħud.

21. Fit-tielet aggravju l-attriċi tgħid illi kien hemm raġunijiet tajba sabiex l-ewwel qorti taqleb id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li ma tintradd ebda parti mid-depożitu:

> »Minn qari tal-provi prodotti kellu jirriżulta li hawnhekk *si tratta* ta' depożitu ta' tmienja u ħamsin elf euro (€58,000). Fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli, għalkemm instemgħu flimkien u fl-istess udjenzi, kien hemm żewġ appelli, dak imressaq mir-rikorrenti appellanti u dak imressaq minn offerent ieħor, liema appelli kienu separati u distinti minn xulxin. Il-bażi tal-appell ma kienx identiku. Tant hu hekk li fl-ewwel udjenza tal-appell tas-soċjetà rikorrenti, l-awtorità kontraenti kienet iddikjarat li kienet qed tirtira waħda mir-raġunijiet għall-esklużjoni tal-appellant. Dan l-iżball jirriżulta mill-fatt li l-ewwel onorabbli qorti tagħmel referenza għall-argument imressaq mill-avukat difensur tas-soċjetà appellanti l-oħra.
>
> »… … … lanqas għandha mis-sewwa d-dikjarazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti li l-argument imressaq mis-soċjetà appellanti quddiem il-Bord tal-Appelli kien wieħed fjakk. Il-kawża *de quo* ma saritx fuq il-mertu tal-appell. Din il-kawża saret biss fuq il-kwistjoni tad-depożitu. L-appellanti ma daħlux fil-mertu tal-appell u l-ewwel onorabbli qorti kienet prekluża milli tesprimi ruħha fuq il-mertu tal-kwist|oni meta l-appellanti rrikoriet għar-rimedju kontemplat fl-art. 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi limitatament fuq il-kwistjoni tad-depozitu.
>
> »… … … dak li kien jispetta lill-ewwel onorabbli qorti kien li tissindika jekk ir-rikorrenti kinitx fiergħa fl-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appelli jew jekk ressqitx appell bl-aħjar mod u studjat u ressqitx provi in sostenn tal-appell tagħha. Ma kienx jispetta lill-ewwel onorabbli qorti tara jekk ir-rikorrenti kellhiex raġun fl-appell tagħha. Dak għamlu l-Bord tal-Appelli kif kellu l-obbligu li jagħmel u, mid-deċiżjoni fil-mertu, l-appellanti ma adixxitx lill-ewwel onorabbli qorti.
>
> »Dak li umilment l-appellanti tħoss li l-ewwel onorabbli qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni fid-*decide* tagħha kien is-somma konsiderevoli

> ta' depożitu mħallas (tmienja u ħamsin elf euro) li teċċedi ferm anke kawteli mħallsa quddiem il-Qrati Superjuri ta' pajjizna, *multo magis* quddiem tribunal amministrattiv; id-differenza fil-prezz bejn l-offerta tal-appellanta u l-kumpannija li rebħet it-*tender* ta' *circa* nofs miljun u l-fatt li l-Bord tal-Appelli stess ħass li l-appell imressaq ma kienx wieħed frivolu li alloka tliet seduti ta' diversi sigħat il-wahda għas-smigħ tal-istess appell.«

22. Il-fatt illi quddiem il-Bord tal-Appelli kien hemm żewġ appelli, wieħed tal-attriċi u l-ieħor ta' oblatur ieħor, ma għandu ebda relevanza. L-attriċi għamlet depożitu biex setgħet tressaq l-appell tagħha, mhux dak tal-oblatur l-ieħor, u d-depożitu li tilfet kien dak relativ għall-appell tagħha u mhux għall-appell ta' ħaddieħor.

23. Il-fatt illi l-ewwel qorti qieset ir-raġunijiet mogħtija mill-Bord tal-Appelli għaċ-ċaħda tal-appell tal-attriċi, għalkemm il-kawża li kellha quddiemha "ma saritx fuq il-mertu tal-appell … [iżda] saret biss fuq il-kwistjoni tad-depożitu", ma huwiex raġuni għala għandha titwarrab is-sentenza appellata. Biex tara kienx hemm raġunijiet tajba biex, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-attriċi, jintradd id-depożitu jew parti minnu, l-ewwel qorti bilfors kellha tara x'kien il-każ tal-attriċi u jekk kienx hemm konsiderazzjonijiet partikolari li jimmeritaw li l-attriċi ma titlifx id-depożitu jew ma titilfux kollu. Il-kwistjoni tad-depożitu ma hijiex iżolata mill-kwistjoni fuq il-meritu tal-oġġezzjoni li ressqet l-attriċi quddiem il-Bord tal-Appelli. Wara kollox, biex l-ewwel qorti "tissindika jekk ir-rikorrenti kinitx fiergħa fl-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appelli", kif tippretendi l-attriċi, bilfors kellha tqis xi ftit jew wisq il-meritu ta' dak l-appell.

24. Lanqas il-*quantum* tad-depożitu ma huwa, waħdu, raġuni biżżejjed għala għandha tintradd parti minnu. Il-liġi stess trid illi l-*quantum* tad-depożitu jkun marbut mal-valur tal-kuntratt. Il-mitigazzjoni li tat il-liġi

hija fil-massimu ta' kemm jista' jkun id-depożitu; ma tistax tingħata mitigazzjoni oħra sempliċiment għax dak il-massimu ntlaħaq.

25. Lanqas il-fatt waħdu li l-appell ma kienx fieragħ ma hu biżżejjed biex id-depożitu jintradd, bla ma noqogħdu ngħidu wkoll illi fil-każ tallum ir-raġuni għala twarrbet l-offerta tal-attriċi u għala kien miċħud l-appell tagħha – in-nuqqas ta' dokument mitlub fis-sejħa għall-offerti – kienet x'aktarx evidenti u forsi wkoll turi għala l-attriċi għażlet illi ma tikkontestax ukoll id-deċiżjoni fil-meritu tal-Bord tal-Appelli.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm